CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07

L- Erbgħa, 4 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.13pm.

**07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

07.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġiji

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

07.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sitt Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

07.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

07.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward tal-policy li kien ser ikun addottat fir-rigward tal-Bye Law għad-dħul ta' karozzini ġewwa l-Imdin, huwa kellu parir mill-avukat tal- Kunsill biex din ma tiġix attwata għar-raġuni li din tista' toħloq nuqqas ta' kjarezza fil-konfront ta' dawk li jixtiequ japplikaw għal dan il-permess. Is- Sindku huwa tal-fehma li jingħata parir ieħor minn avukat differenti u la darba tkun f'idejn il-Kunsill, tittieħed deċizjoni. Il-Kunsill approva.

07.3.2 Is-Sindku talab lis- SE biex isir xi *refreshing* ta' *road markings* minn ħdejn il- mina tal-Madonna sad- daħla minn Greeks Gate kif ukoll il-postijiet ta' parkeġġ tar- residenti.

07.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward tat-tizjin tal-Milied ġewwa l-Mdina kellu zewġ kwotazzjonijiet għal din l-installazzjoni fejn il-Mica Med ikkwotaw is-somma ta' € 4130 u ta' Caruana Light Decor li s-somma kienet tammonta għal € 1180. Il-Kunsill approva l-irħas offerta. Ser jinxtraw xi siġar tal-Milied mngħand Sherries Estate għas-somma ta' € 297.60.

07.3.4 Is-Sindku talab lis- SE biex jikteb lil għaqda Show of Arms fejn fiha jiġi diskuss il-ftehim ġdid għal uzu tal-kamra tal-gwardjan fid-daħla ta' Greeks Gate.

07.3.5 Is-Sindku talab lis- SE biex jitqabbad l-avukat tal-Kunsill biex jikteb lil Transport Malta fejn ssir talba biex jiġi kkunsidrat l-estensjoni ta' aktar parkeġġi għar-residenti.

07.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li wara l- laqgħa li kellu mas- Sur M. Cohen minn Transport Malta biex jiddiskuti l- possibilita' li jkun hemm traffic management assesment barra l-Mdina fejn il-car park tas- Saqqajja, saret laqgħa oħra fejn fiha kien hemm prezenti is- Sindku tar-Rabat, is- Sur Kraus fejn ġie diskuss il-possibilita' ta' Bus Terminus is- Saqqajja.

**07.4 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur minn Lulju sa Settemebru 2019**

07.4.1 IS- SE infurma lill-Kunsill li dan ir-rapport ser jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss.

**Il-Kunsilliera Camille Scerri talbet li tiġi skuzata mill-laqgħa u ħarġet fl-4.30pm**

**07.5 Korrispondenza**

07.5.1 Emajl mingħand id- Direttorat tar- Restawr fejn infurmawna li Għajn Hammam magħrufa aħjar bħala The Knights Wash House mhix propjeta' tal-Gvern imma privata u għalhekk ma jistax isir xogħol ta' restawr mid- Direttorat. Is- Sindku ser jipprova jara' lil min tgħajjat din il-binja biex isir ix-xogħol ta' manutenzjoni dovut.

07.5.2 Emajl DLG- Fond għaz-zamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali. Il-Kunsill gie infurmat li qed tingħata estensjoni tal-ftehim oriġinali sa l-aħħar ta' Marzu. Għal din ir-raġun il-Kunsill talab li jkollu f'idejħ urġentement xi kwotazzjoni ta' dawn ix-xogħolijiet biex dan ix-xogħol jibda minnufih wara li għas-sejħa ta' l-offerti li kienet ħarġet, il-prezzijiet li kienu sottomessi kienu esorbitanti.

07.5.3 Is- SE infurma lill -Kunsill li fir-rigward tat-talba li saret lill-Bord tad- Development Planning Fund biex il-Kunsill jingħata ir-rifuzjoni kollha u mhux 70% biss għal proġett tat-tisbiħ u riġenerazzjoni tal-Playing field barra l-Mdina, din it-talba ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill ser ikompli jara' possibilitajiet oħra biex dan il-proġett ikun jista' jsir fl-2020.

07.6.3 Direttiva Nru 7/2019- Risk Assessment tal-Playing Fields Madwar Malta u Għawdex

07.6.4 Ċirkulari Nru 20/2019- Riforma Gvern Lokali Emendi fl-Allowances.

**07.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

07.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-4 ta’ Diċembru 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 17,066.17

07.6.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**07.07 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

07.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.56pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Diċembru 2019 fit-3pm

IFFIRMATA
__________________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
__________________
Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 30-12-2019________